# 17

## *Ufficcju tal-Magistrat Kwerelanti*

| | |
|---|---|
| PHEL | Ha thallini hekk f'nofs lehja?<br><br>M'intix mara! |
| BELOT | Imma m'inix niftakar |
| PHEL | X'kien hemm fuq? |
| BELOT | Pajsagg bil-blat bis-sigar. Fl-isfond muntanja<br><br>Fuq ix-xellug fuq il-lemin kien hemm in-nisa gharwenin b'dirghajhom mghollija wicchom ma stajtx narah |
| PHEL | Nisa qed jghumu<br><br>Dik pittura famuza li qed tiddeskrivi |
| BELOT | Imbaghad ma nafx x'gara iktar<br><br>Il-pittur kien veru bin-nervi |
| PHEL | Nista' nimmagina |
| BELOT | Allura ghalfejn ghandek toqghod titqatel?  Waqt li kienu qed itaqtqu mas-sewwieqa |
| PHEL | Il-pittur? |
| | |

| | |
|---|---|
| BELOT | Iva kien hemm pumpier li beda jbexxex it-tila bil-pajp<br><br>Imma mill-pajp mhux ilma beda hiereg imma zebgha hamra qisha demm<br><br>Inti li se twaqqaf ic-cirkulazzjoni beda jithabat qisu mignun ma stajtx nifhem iktar ghalfejn ma hallewhx bi kwietu<br><br>*(ihabbat il-bieb)* |
| PHEL | Idhol<br><br>(is-Sinjorina Belot tintroduci lil Delile)<br><br>kunjomok ismek eta' stat professjoni indirizz |
| DELILE | Hemm bzonn nghidlek kollox mill-gdid? |
| PHEL | Iva hekk hemm bzonn ghax qed tidher mill-gdid |
| DELILE | Mela<br><br>Delile Pierre tlieta u hamsin sena mizzewweg tifel wiehed customer care il-Bricomarket 2 chemin de la Tourelle Orleans |
| PHEL | Inti tigi min jew b'xi mod ghandek x'taqsam ma' Blache Nicolas jew kont fis-servizz tieghu? |
| DELILE | Le |
| PHEL | Ahlef li tghid il-verita' kollha u xejn inqas mill-verita' |
| DELILE | Nahlef |
| PHEL | Paul it-tifel tieghek huwa hamallu tal-prima klassi ma jixbhek xejn iwaqqaghlek wiccek l-art ma jistax ikun li huwa minn tieghek da l- |

| | |
|---|---|
| | iskansa facendi mhux it-tifel tieghek<br><br>Meta hassejt l-ewwel dubji fejn tidhol il-paternita' ? |
| DELILE | Jien? |
| PHEL | Dil-famuza gurnata meta thassret it-tigrija tar-roti is-suspett beda jberren f'mohhok taf int<br><br>Ghandu jingibed certu programm li int deliberatament evitajt li titkellem dwaru waqt li suppost ma kontx hlief mohhok fih. Int kont wiehed mill-maghzula, Blache ukoll imma Blache intaghzel |
| DELILE | Dan kollu x'ghandu x'jaqsam mat-tifel tieghi? |
| PHEL | Jien li suppost ninterroga Sur Delile mhux int<br><br>Allura int mort tara lil Blache? |
| DELILE | Jien jekk mortx nara lil Blache? |
| PHEL | Nista' naqbad u nakkuzak imma ghalissa nippreferi nisimghek bhala xhud<br><br>Sakemm inti ma tippreferix li nakkuzak li jtik dritt ghall-assistenza ta' avukat u li jkollok access ghall-fajl tieghek<br><br>Kif tghidli |
| DELILE | M'inhi qed naqbad xejn<br><br>Int qed thawwad |
| PHEL | X'kont se tkun f'dan il-programm ? |
| DELILE | Din forsi xi tattika tieghek tipprova tfixkilni |

| | |
|---|---|
| PHEL | Liema gurnata mort tara lil Blache ? |
| DELILE | Jien mort nara lil Blache ? |
| PHEL | l-Erbgha u kont taf illi s-Sa Blache fil-ghaxija kull l-ewwel erbgha tax-xahar<br><br>l-Erbgha ftit qabel l-ghaxra ta' bil-lejl iddecidejt li tiehu sodisfazzjon<br><br>wiehed jista' jifhmek dan joffrilek ic-cans li tidher quddiem ghaxar miljun telespettatur<br><br>wara li kont ilek tghix bhal hanex ghal erbgha snin<br><br>stajt tidher f'dil-gurnata ta' hajtek u tferra dak kollu li ridt dwar il-hnizrijiet kollha li geghlitek tghaddi minnhom is-socjeta'<br><br>x'ma tithajjarx b'din il-perspettiva ?<br><br>imma bejnek u l-holma tieghek hemm Blache fin-nofs<br><br>ghat-tieni darba f'hamsa u ghoxrin sena Blache indahal qisu demonju biex itelliflek xortik<br><br>Blache li kien tant obbligat lejk<br><br>l-ewwel itaqqal lil martek b'tifel u tipprova titfi n-nar li maz-zmien gherriek minn gewwa<br><br>it-tieni darba hija wisq hekk le !<br><br>sta ghalik li tistqarr kollox jien qieghed hemm biex nilqa' l-istqarrija tieghek tibzax thossok tistrieh u c-cirkostanzi huma tali li nghidlek li l-verdett ma jkunx wiehed iebes |
| DELILE | Int qed tiggennen ? |